MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2010

Numru 846/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J Farrugia)**

**Versus**

**Amadeo Balzan.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet kontra Amadeo Balzan ta' 46 sena, iben Alfred u Mary nee Grima, imwieled Ħ'Attard nhar il-10 ta'Jannar 1962 u residenti f'numru 18 Villa Anthea Triq il-Ġibjun Attard u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 098162 (M)

Akkużat talli nhar it-22 ta' Lulju 2008 għall-ħabta tal-11.00 pm f'dawn il-Gżejjer Maltin u ġewwa Villa Anthea Triq il-Ġibjun Attard

a. Ikkommetta serq ta' propjeta' (ġiżirana tad-deheb) għad-dannu ta' Alexandra (Sandra) Ruggier li għandha n-numru tal-karta tal-identita' 418569(M) liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur,bil-lok u bil-ħin u dan ai termini tal-artikoli 261, 262, 267, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Għamel ħsara volontarja għad-dannu ta' Alexandra (Sandra) Ruggier li għandha n-numru tal-karta tal-identita' 418569 (M) liema ammont tal-ħsara hu iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

ċ. Kif ukoll ikkawża feritit ta' natura ħafifa fuq il-persuna Alexandra (Sandra) Ruggeri li għandha n-numru tal-karta tal-identita' 418569 (M) u dan ai termini tal-artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Il-Qorti ntalbet sabeix tipprovdi għas-sigurta' ta' Sandra Ruggier ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 kif ukoll sabiex toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-tweldi tal-imputat li jġib in-numru 981 tal-1962, il-fedina penali tal-imputat (fol 4 et seq), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 8 u 9),il-current incident report a fol 12, il-kwerela maħgmula minn Alexandra Balzan Ruggier (fol 19), l-istqarrija tal-imputat a fol 20, iċ-ċertifikat rilaxxjat mit-Tabiba Dr Sarah Vella (fol 23), u l-irċevuta (Dok MC li tidher qabel fol 30).

Ikkunsidrat

4. Il-fatti fil-qosor huma dawk deskritti minn PS 839 Stephen micallef. Fit-22 ta' Lulju 2008, il-Puliziija kienet infurmata minn Sandra Balzan li kellu argument verbali mar-raġel tagħha u ġew fl-idejn. Kienu nkisru xi affarijiet fid-dar u l-imputat kien ġibed ġiżirana minn għonq Sandra Balzan u fflaxxjahielha. (Ara fol 10 u 14).

5. L-Ispettur Kevin Farrugia żied aktar dettalji. Huw kien irċieva kwerela minn għand Sandra Balzan u kien kellem lill-imputat. (Fol 16)  L-imputat kien innega li l-ġiżirana ħadha hu. (fol 16).

**L-Istqarrija tal-Imputat**

6. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien qal li kien daħal fid-ar wara li martu Sandra Balzan kienet abbandunat it-tfal biex marret vjaġġ fl-Alaska mal-boyfriend tagħha.. (fol 20). Meta martu rritornat mis-safar, qabdet ħwejjeġ l-imputat u bdiet tarmiehom 'il barra. Huwa kien ħariġhamill-kamra tas-sodda u sakkar il-bieb sakemm tikkalma. Imbagħad fetħilha.  Sabet xi arloġġi fuq il-gredenza u xkanathom. Hija refgħet idejha fuq l-imputat.  L-imputat ra ġiżirana f'għonqa li kienet ilha tinkih biha minn Novembru għax kienet rigal tal-boyfriend. L-imputat qata' l-ġiżirana b'idejh it-tnejn biex ma jweġġax lil martu, qasamha fi tnejn u fflaxxjaha. Il-ġiżriana ma kenitx niżlet u martu kienet reġgħet tellgħatha u l-brillanti salvathom. L-imputat ammetta li seta' għamel xi ħsara. Martu kienet kissret fanal, ġabret ħġieġa u tatu daqqa f'dahru bil-ħġieġa. Huwa kien ċert li martu kienet ġabret il-ġiżirana għax ra tiġborha.

7. Huwa kien daħal id-dar għax kellu d-dritt li jidħol fid-dar matrimonjali u għaliex it-tifla kienet weħidha.

8. Dr Sarah Vella kkonfermat li kienet eżaminat lil Alexandra Balzan fit-22 ta' Lulju 2008 fil-11.35pm.  L-allegata vittma kellha ftit ħmura fuq in-naħa ta' quddiem tal-għonq u fuq iċ-chest u barxa ta' 2cm fuq il-polz tax-xellug.  Ma kellhiex bżonn ta' xi medikament.

9. Xehed ukoll Mario Carabott, rappreżentant ta' Carabott Limited.  Huwa qal li l-ġiżirana in kwiistjoni kienet tiswa Lm798 (madwar 1837.88 Ewro). (fol 26).L-oġġett kien tħallas kollu. Il-ġiżirana nxtrat minn Brian Azzopardi.

10. Xehdet ukoll Alexandra Balzan Ruggier li qalet li sabet ir-raġel ġewwa d-dar meta kienet ġiet lura mill-ajruport.  L-imputat kien qalilha li ma keinx bi ħsiebu joħroġ mid-dar. Huma kienu qegħdin jisseparaw u kull meta jiltaqgħu

jiġġieldu. L-imputat qabdha minn għonqha u żammha u beda jipprova jaqtgħalha l-ġiżirana. L-imputat għaffeġ il-ġiżirana bejn subgħajh u kissirha fi tliet biċċiet . Wara fflaxxjaha. Il-ġiżirna laħqet niżlet. Il-ġrieħi li kellha kienu saru minħabba li l-imputat beda jipprova jaqta' l-ġiżirana. Skond din ixhud l-imputat ried jagħmel vendikazzjoni għaliex il-ġiżirnana kien tahielha l-partner tagħha. It-tifla tagħha Anthea kienet marret tghix mal-imputat waqt li x-xhud kienet imsiefra.

11. Fil-kontro-eżami hija nnegat li kienet qagħdet tipprovoka r-raġel tagħha billi tgħidli li l-ġiżirana kien tahielha l-boyfriend tagħha. L-imputat kien imbuttaha u hija imbuttatu. Imbagħad kienet marret il-poliklinika.

12. Xehed ukoll Brian Azzopardi li kkonferma li kien il-partner ta' Alexandra Balzan Ruggier u li kien taha l-ġiżirana msemmija. Din kienet tad-deheb u kellha l-brillanti. Dak in-nhar tal-inċident Alexandra Balzan Ruggier kienet ħarġet mid-dar b'għonqha aħmar. Huwa kkonferma l-irċevutat li kienet inħarġitlu.

13. L-imputat xehed u nnega li hu qatt kellu xi intenzjoni li jisraq il-ġiżirana. Tant hu hekk li l-mara kellha ħafna deheb u / jew ġojjelli li kienet taqla' minn għand il-fmailjari tagħha. L-imputat qal ukoll li l-ġiżirana kienet inġabret mill-mara tiegħu u li kienet faċilment tissewwa. Huwa wera wkoll qmis b'tebgħa ħamra allegatament ta' demm. Huwa kien ferut meta l-mara tiegħu kissret fanal li jkollu x-xemgħa fih u tatu daqqa bil-ħġieġa f'nofs dahru. Huwa nnega wkoll li kellu xi intenzjoni li jagħmle xi offiża fuq marftu. Li ried kien li jaqta' l-ġiżirana u xejn aktar. Mistoqsi jekk kienx lest li jikkonferma bil-ġurament l-istqarrija li għamel fil-kwartieri tal-Pulizija, l-imputat qal li kien lest li jagħmel dan.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

14. L-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat hija dik ta’ serq. Id-definizzjoni ta’ ‘serq’ li dejjem imxew magħha l-Qrati tagħna hija dik tal-Carrara li jgħid li s-serq huwa ‘La contrectatio dolosa della cosa altrui, fatto, invito domino, con animo di farne lucro.

**Punti Legali**

15. (a) Il-Propjeta’ tal-ġiżirana.

L-ewwelnett teknikament il-ġiżirana kienet ta’ mart l-imputat (għax ingħatat lilha b’rigal) u skond il-Kodiċi Ċivili huwa għandu l-użufrutt tagħha.( Kap 16 1320(b). Ma hemm ebda prova li l-użufrutt kien eskluż) Il-Komunjoni tal-akkwisti ma kenitx għadha ġiet xolta fi żmien l-inċident.

16. (b) L-animus lucrandi. Dan l-element jikkonsisti :

*‘in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others…..Thus ‘lucrum’ in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one’s self. Therefore even a person who steals intending to make a gift to others of the thing stolen will be guilty of theft, his gain consisting in the pleasure of making the gift. Similarly a person who steals a work of art to complete the collection and for the pleasure of of possessing it.’* [1]

17. Iżda iżjed ‘l isfel fl-istess paġina l-Professur Mamo jikteb hekk:

*‘The animus lucrandi is negatived by any intent of sheer spite or revenge if the thing is immediately destroyed by the thief.’*

18. Il-Qorti ssib li dan l-aħħar kumment jgħodd għall-każ odjern. Waqt li kien qed jixhed (kif ukoll fl-istqarrija tiegħu) l-imputat wera biċ-ċar li lanqas kien qed jgħaddilu minn moħħu li huwa jwettaq xi serqa. Minn kif kif xehdet Alexandra Balzan Ruggier u minn kif xehed l-imputat

[1] Professur Sir Anthony Mamo page 283 – Notes on Criminal Law Part II.

jidher li l-inċident kien riżultat tal-furja li ħassew il-konjuġi fi żmien ta' tensjoni meta parti lanqas biss kienet qed tistenna li ssib il-parti l-oħra d-dar.

19. Il-Qorti għalhekk stabbiliet li tal-anqas hemm element nieqes – l-'animus lucrandi' – li huwa parti integrali mid-definizzjoni ta' serq. Ma jistax ikun hemm ir-reat ta' serq mingħajr il-preżenza tal-elementi kollha li jidhru fid-definizzjoni.

20. Iżda barra dan hemm kontradizzjoni sħiħa dwar jekk il-ġiżirana filfatt inġabritx lura minn Alexandra Balzan Ruggier. L-imputat filfatt baqa' jinsisti li din inġabret.

21. Għaldaqstant, wara li qieset dawn il-fatturi, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni hija dik ta' ħsara volontarja.**

**Punt ta' fatt**

22. M'hemm ebda dubju li l-imputat qata' l-ġiżirana. Dana ammettieh huwa stess u kkonfermah meta fisser li huwa kien qata' l-ġiżirana

'b'żewġ idejn biex ma jweġġagħhiex.' (fol 21).

**Punt ta' dritt.**

23. Skond l-artikolu 331 tal-Kap 9:

*'Ħlief fil-każijiet fl-artikoli 316, 317, 318, ma hemmx azzjoni kriminali għal reati li jsiru kontr ħwejjeġ tad-dixxendenti jew tal-qraba bi żwieġ fil-linja tad-dixxendenti,* ***jew tar-raġel jew tal-mara****, meta dawn ir-reati ma jkunux saru flimkien ma' omiċidju, offiża fuq il-persuna, jew sekwestru tal-persuna.'*

24. Fil-każ odjern m'hemm ebda prova ta' xi reat taħt l-artikoli 316, 317 u 318 li kollha għandhom x'jaqsmu ma

reati ta' ħruq. Lanqas ma seħħ xi omiċidju jew sekwestru tal-persuna.

25. Li jifdal biss huwa 'offiża fuq il-persuna' li hija l-mertu tat-tielet imputazzjoni.

26. Mix-xhieda ta' Dr Sarah Vella l-offiżi kienu jikkonsistu fi 'ftit ħmura fuq in-naħa ta' quddiem tal-għonq u fuq ic-chest u barxa ta' 2cm fuq il-polz tax-xellug.. L-offiżi ma ma kellhomx bżonn medikamenti. Dawn il-konklużjonijiet jippruvaw l-element materjali tar-reat.

27. Issa f'kull reat hemm kemm l-element materjali (li għadha kif saret referenza għalih) u l-element intenzjonali jew 'il-mens rea'. L-imputat qal li kien ipprovokat, li huwa sofra ferita meta martu darbitu bi ħġieġa (stebbjatnai f'dahri) [2]kif ukoll li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jweġġagħha fiżikament.. Jekk il-Qorti tistkarta d-difiża ta' provokazzjoni għal kollox, xorta qed issib li l-element tal-'mens rea' ma kienx ippruvat mill-Prosekuzzjoni 'l hemm minn kull dubju raġonevoli. Għaldaqstant il-Qorti mhix issib lill-imputat ħati ta' dan ir-reat li hemm referenza għalih fit-tielet imputazzjoni.

28. Ġaladarba l-ebda wieħed mis-sitt reati msemmija bħala eċċezzjoni fl-artikolu 331 ma jidher li twettaq mill-imputat, isegwi li l-Qorti tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni minħabba d-dispożizzjoni tal-artikolu 331.

## It-Tielet Imputazzjoni

29. L-imputat huwa akkużat li għamel offiżi ħfief fuq il-persuna tal-mara tiegħu. Il-Qorti diġa' eżaminat dan ir-reat fil-paragrafi preċedenti (ara paragrafi 25, 26, u 27) u sabet lill-imputat mhux ħati ta' tali reat. Għalhekk qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

## Konklużjoni

[2] Ara l-istqarrija a fol ta' 21 tal-proċess (vers 15 minn fuq)

**30. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(a)(ċ),(e)(f), 262(1)(a), 267, 269(g), 270, 325(1)(a), 221(3)(b) Kap 9 qed tillibera lill-imputat mit-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------